Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.safilc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi
Id-Disgħa Leġiżlatura
Laqgħa Numru 4/2026

13 ta' April, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-6:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:
Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**4.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 3.3.1 (Parkeġġ quddiem Safi Pharmacy) kien tkellem ma sid l-ispiżerija fejn kienu ddiskutew li l-aħjar soluzzjoni kienet li tapplika għal *unloading bay* sabiex ikollha timed parking għal min imur jixtri minn hemm. Is-Sindku kompla jgħid li issa sta għal Transport Malta jekk ituhiex l-*unloading bay* eżatt quddiem l-ispiżerija.

**4.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.2.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu, 2026 kien attenda Press Conference organizzata mid-Segretarjat għall-Gvern Lokali minħabba d-*digitalisation* tas-servizzi online. Huwa spjega li apparti l-permessi *online* li diġa' hija fis-seħħ ser jintroduċu servizzi online oħrajn bħal Bulky Refuse, rapporti ta' bozoz maqtugħin, ħofor u skart, u kif ukoll il-booking tas-servizz tat-trasport għall-anzjani.

4.2.2 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu, 2026 kien attenda ukoll laqgħa mal-Kumpanija *Faces* li kienu ukoll qed jintroduċu online *platform* biex wieħed japplika għal *bus shelter*. Is-Sindku spjega li issa meta tiġi approvata r-rotta l-ġdida l-applikazzjoni għal *bus shelter* trid issir online.

4.2.3 Is-Sindku qal li nhar id-9 ta' April, 2026 kien attenda ukoll *Press Conference* organizzata mis-Segretarjat tal-Animal Welfare rigward skema li kienet ħierġa sabiex isir *Dog Park* jew *Cat Cafe'*. Is-Sindku spjega li għal din l-inizjattiva kienet miftuħa ukoll għal *embellishment t*a' *dog park* jew *cat cafe'* eżistenti. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li naraw jekk hemm xi ħaġa x'nistgħu nirranġaw jew inżidu speċjalment fejn jirrigwardja l-ilma.

4.2.4 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tagħna għal *Town Twinning* kienet ġiet approvata minn naħa tal-Unjoni Ewropea flimkien ma' żewġ Kunsilli oħra. Huwa spjega li Servizzi Ewropej Malta kienu qed jitolbu li ssir *Press Conference* nhar il-Ġimgħa 17 ta' April, 2026 fil-lokalita' ta' Ħal Safi. Is-Sindku qal li huwa kien qed jissuġġerixxi li din il-*Press Conference* issir quddiem il-Kappella ta' Santa Marija u stieden lill-Kunsilliera kollha biex jattendu.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 18.26.

4.2.5 Is-Sindku qal li s-*sea saw* u l-*merry go road* fil-bandli kienu nkissru u preżenta kwotazzjoni għal dawn il-*play equipments*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għalissa nixtru s-*sea saw* biss u nitolbu aktar kwotazzjonijiet għal *merry go round*. Il-Kunsill qabel.

4.2.6 Is-Sindku qal li f'laqgħa preċidenti kien avża lil-Kunsill rigward l-*scanning tax-xelter* mill-SCH flimkien mal-MTA. Huwa qal li l-Erbgħa ta' wara l-laqgħa wara nofsinhar kien ser isir l-istess *scanning* tax-xelter. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu jara jekk hemmx fondi sabiex isir ir-restawr tax-xelter u qabel ukoll biex napplikaw għad-devoluzzjoni tal-istess xelters.

4.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba għal *communial parking bay* fi Triq ta' Rqajja. Hija qalet li l-persuna kellha l-Blue Badge. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir l-applikazzjoni għal din il-*communial bay*.

4.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll l-approvazzjoni ta' *Transport Malta* sabiex Triq iż-Żurrieq tkun *no entry except for public transport*.

**4.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

4.3.1 Il-Viċi Sindku qal li kien jinħtieġ li *ż-żebra crossings* kollha f'Ħal Safi jkunu mdawlin. Is-Sindku kkonferma li l-unika *żebra crossing* bla dwal kienet l-aħħar waħda fi Triq il-Kuċċard li pero' kienet taqa' taħt ir-responsabbilita' ta' Infrastructure Malta. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien minn żmien għal żmien jibgħat lil *Infrastructure Malta* sabiex din il-problema tiġi retifikata.

4.3.2 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li l-linji tat-triq ta' Triq Carmelo Caruna kellhom bżonn jiġi refriskata. Is-Sindku qal li din it-triq ukoll ma kinitx taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill iżda ta' *Transport Malta.* Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma kienx responsabbli biex jagħmel il-manutenzjoni ta' din it-triq u li kien qed jagħmel biss il-qtugħ tal-ħaxix.

4.3.3 Il-Kunsillier Kurt Debono ressaq ilment li l-karozzi minn ħdejn iċ-ċimiterju qed isibu l-karozza ma' wiċċhom huma u ġejjin minn naħa ta' Ħal Kirkop u ssuġerixxa biex forsi jsir xi tip ta' *Traffic calming measure.* Il-Kunsill iddiskusta u qabel li għandna nikkonsultaw ma' Transport Malta sabiex naraw x'jista' jsir.

4.3.4 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li xi ħadd kien ħa r-ram kollu tal-Ambone li kien hemm fiċ-Ċentru Parrokjali. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nfittxu ritratt ta' kif kien qabel forsi jkun hemm xi skema u napplikaw sabiex isir ir-restawr tiegħu.

**4.4 Jum Ħal Safi**

Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar preparamenti għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Safi kif ukoll il-kwistjoni tan-nominazzjonijiet u qabel li hekk kif jagħlqu n-nominazzjonijiet, il-Kunsill għandu jibda javża lil min ġie nnominat sabiex jekk ma jkollux pjaċir jkun fiċ-ċans li l-nomina tiegħu tiġi rtirata. Sar ukoll suġġeriment li meta jkun hemm nomina għal grupp, min jinnomina għandu jniżżel il-membri kollha tal-grupp.

Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li hija kellha tiċċekkja l-isem tad-diska li kienu ser jkantaw il-kantanti mil-lokali li kienet 'Veru bil-Qalb' ta' Mike Spiteri. Hija qalet ukoll li għalkemm kienu kkonfermaw li ser jieħdu sehem tlett kantanti waħda minnhom issa ma setgħetx u għalhekk kienu ser jieħdu sehem żewġ kantanti lokali biss.

**4.5 Korrispondenza**

Saru xi mistoqsijiet fuq xi korrispondenza. Is-Sindku staqsa rigward l-applikazzjoni mill-Pjazza għal Pjazza jekk konniex ikwalifikajna. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonfermat li sa issa l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni.

**4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**4.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.09pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju, 2026, fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |